

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10701/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0261 (COD)**

**CODEC 1220
POLCOM 222
COMER 108
USA 26
COTRA 54
AGRI 511
PECHE 249**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-28 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.
2. Fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni². L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 12303/25 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1.

² 10429/26.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
- jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 32/26, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addendum 1 fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
4. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 ta' din in-nota.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
